# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru: 900/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Joseph SAMMUT ALESSI [ID 290664M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mitejn tmienja u sebghin euro u tnax-il centezmu [€1,278.12c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mitejn, tmienja u sebghin euro u tnax-il centezmu (€1,278.12) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija bin-numru 21411707, internet bin-numru DSL-21411707, televizjoni bil-kard numru 0142503519 u IPTV00324 fuq l-akkont li jgib in-

numru A/C 10190722 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY 1 – prospett ghall-akkont relattiv
- Dok IZY 2 – ftehim ghall-akkont relattiv
- Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fit-2 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. It-Talba attrici ghandha tigi michuda ghax l-ammont pretiz mhux dovut – kif jigi pruvat;

2. Il-konvenut qatt ma rcieva l-kontijiet indikati billi ftit gimghat wara li ffirma l-kuntratt gie kostrett jabbanduna l-post fejn kienet toqghod ukoll siehba li kkagunatlu problemi gravi ta' natura psikologika, li htieget kura fit-tul fl-Isptar ta' Ghawdex, f'Malta u fl-isptar mentali;

3. Ghalkemm, fl-istat li kien, ma giehx f'mohhu jinforma lill-atturi, lanqas huma ma ghamlu l-ghalmu taghhom biex jindagaw ghala ma kienx qed jircievu hlasijiet, meta qabel kellu record sabih ta' pagatur. Lanqas ma ippruvaw jimminimizzaw id-dannu billi jitterminaw is-servizz u hadu kwazi sentejn qabel ma ghamlu dan. Di piu, meta kien ftit mhux hazin u mar jirritorna xi *equipment* lanqas ma gie avzat li hemm xi kont kbir pendenti.

4. Meta f'Ottubru 2014 ircieva sejha fl-indirizz il-gdid tieghu mill-*credit control* tal-atturi kienet sorpriza kbira u kiteb jipprotesta u jispjega minn xhiex kien ghadda – tant li ma kienx seta jiehu hsieb ta' hwejgu (stante bi polar disorder u problemi ohra ta' sahha). – Dawk ma wegbuhx u haseb li l-kaz waqaf hemm – Flok tal-inqas regghu kitbulu, hallew jghaddu iktar minn sena u faqqghulu din il-kawza.

5. Waqt li jirriserva li iressaq xhieda u dokumenti, qed jitlob ic-cahda tad-domanda u jipprotesta kontra l-ispejjez ta' din il-procedura li ma kienitx necessarja.

Salvi eccezzjonijiet ohra"

Ra n-nota konguntiva tal-partijiet minnhom imressqa fis-seduta tal-lum (fol. 14).

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf mitejn tmienja u sebghin euro u tnax-il centezmu [€1,278.12c] in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija bin-numru 21411707, internet bin-numru DSL-21411707, televizjoni bil-kard numru 0142503519 u IPTV00324 fuq l-akkont li jgib in-numru A/C 10190722 moghtija mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta rikorrenti permezz tan-nota konguntiva mressqa mill-partijiet illum stess, irriduciet il-pretensjonijiet taghha ghall-ammont ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin euro (€325).

3. L-intimat, permezz tan-nota konguntiva mressqa mill-partijiet illum stess, ammetta t-talba, hekk kif ridotta tas-socjeta rikorrenti.

4. Il-partijiet qablu ukoll li dan l-ammont jigi saldat permezz ta’ hames pagamenti mensili, regolari u uninterrotti fl-ammont ta’ hamsa u hamsin euro (€55) il-wiehed u pagament wiehed ta’ hamsin euro (€50).

5. Il-partijiet qablu ukoll li kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez legali taghha in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. In vista ta’ din l-ammissjoni da parti ta’ l-intimat, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, hekk kif ridott ghall-ammont ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin euro (€325) huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija hamsa u ghoxrin euro [€325] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza, sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni kongunta maghmula mill-partijiet, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas skont ma hemm indikat fin-nota kongunta taghhom tal-15 ta’ Marzu, 2016 (fol. 14) bl-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta’ April, 2016 u imbaghad kull l-ahhar jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F’kaz li l-intimat jonqos milli

jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

In vista tal-imsemmi ftehim, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez legali taghha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**